MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 1140/2010/1

**Talba Numru: 1140/10/MK**

**Paul u Rita konjugi Bilocca**

**vs**

**Michele u Mary konjugi Bonavia**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fl-1 ta' April 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunza s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"It-Tribunal,*

*Wara li ra t-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas elf sebgha mija u sebgha u tmenin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,787.59) rapprezentanti danni kkawzati fil-fond 82, 'Iz-Zerniq', Triq id-Dghejf,*

*Naxxar, porprjeta’ tal-atturi liema hsarat gew ikkawzati mill-konvenuti meta ghamlu xoghlijiet strutturali fil-fond taghhom li huwa agjacenti. Qed jigu ezebiti kontestwalment erba’ stimi (Dok. A sa Dok. D) u zewg rapporti ta’ perit (Dok. E u Dok. F.)*

*Bl-ispejjez u imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti fejn qalu li t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante li l-konvenuti ma kkagunaw ebda hsarat u bla pregudizzju, il quantum pretiz huwa ezagerat.*

*Bl-ispejjez*

*Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.*

*Ra u sema’ x-xhieda ta’ Paul Bilocca, Perit Pierre Farrugia, Saviour Camilleri, Joseph Mallia, James Xuereb, Elvin Galea u Michele Bonavia.*

*Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Mill-provi tal-kaz jirrizulta li kienu saru demolizzjoni u skavar fil-proprjeta’ agjacenti dik tal-attur fil-proprjeta’ appartenenti lill-konvenuti. Illi qabel ma bdew ix-xoghlijiet il-konvenuti kienu bghatu ghall-perit ta’ fiducja taghhom, il-Perit Pierre Farrugia, sabiex jispezzjona l-fond tal-atturi. Gara li meta l-proprjeta’ tal-konvenuti giet demolita’, l-atturi*
*allegatament garrbu xi hsarat fl-ammont ta’ elf seba’ mija u sebgha u tmenin ewro u disgha u hamsin centezmu (€1,787.59), fil-proprjeta’ taghhom. Illi dawn il-hsarat kienu jikkonsistu primarjament f’erba’ madumiet tal-kcina li kienu fi kliem il-Perit sounded hollow when tapped with fingers. It-Tribunal sema’ lill-perit tal-konvenuti jikkonferma taht gurament ir-rapport li ghamel qabel ma bdew ix-xohghlijiet fil-proprjeta’ tal-konvenuti kif ukoll ir-rapport imhejji minnu wara li gew kompletati x-xoghlijiet. L-ewwel rapport sar fit-*

*3 ta' Marzu, 2009 filwaqt illi t-tieni rapport sar fil-5 ta' Awwissu 2009.*

*Fit-tieni rapport, il-perit kien irrapporta hairline cracks fil-living room wara wall unit kif ukoll hollow sounds f'xi whud mill-madumiet tal-kcina. Huwa fix-xhieda tieghu qal illi huwa ma kienx sema' hollow sounds fil-madum meta kien spezzjona l-fond qabel ix-xoghlijiet izda l-madum qatt ma gie msemmi minnu fl-ewwel rapport tieghu. Izda fit-tieni rapport qal li huwa kien sema' dawn id-difetti wara li gew kompletati x-xoghlijiet.*

*It-Tribunal jirrilleva li fl-ewwel rapport tal-Perit kien elenka fid-dettal x'kien iccekja meta spezzjona l-fond tal-atturi u ma kienx nizzel illi kien iccekja l-madum. Illi dwar il-kcina / dining-room, qal biss a fol 8, il-Perit qal: ceilings: slight dampness noted at one of the corners of the ceiling, Photo 4: walls: nil u floor: nil. Ma jirrizultax illi l-Perit rrapporta l-madumiet li huwa qal li kien spezzjona fix-xhieda tieghu. Hija l-fehma tat-Tribunal, li jekk kemm-il darba huwa minnu li l-Perit kien hass il-madumiet mal-ewwel spezzjoni huwa kellu jnizzel dan id-dettal fir-rapport tant dettaljat tieghu. Illi kien biss fit-tieni rapport tal-5 ta' Awwissu 2009 li l-Perit semma' li kien hemm numru ta' madumiet with a hollow sound.' (fol.6).*

*It-Tribunal huwa tal-fehma li jekk kemm-il darba kien hemm premura mill-attur fuq il-madum tal-kcina sa minn qabel li bdew ix-xoghlijiet kif xehed l-attur, dawn kellhom jitnizzlu ukoll fl-ewwel rapport mill-perit. It-Tribunal ghandu dubji serji dwar kemm fil-fatt kienet saret spezzjoni bir-reqqa fuq il-madum tal-kcina fl-ewwel spezzjoni tal-Perit Farrugia.*

*Illi dwar il-corrugated metal sheeting, it-Tribunal jirrilleva li fir-rapport tal-Perit ma kienx semma' li kien hemm xi hsarat fis-saqaf tal-corrugated metal sheeting li kien jinsab fil-bitha ta' wara. Izda l-atturi xorta wahda qieghdin jitolbuhom bhala danni.*

*Illi hija l-fehma tat-Tribunal li t-talba hija bbazata fuq somma rapprezentanti danni kkawzata fil-fond tal-atturi. It-*

*Tribunal ma jistax ma jirrilevax illi d-danni huma effettivament, erba' madumiet li kienu jinstemghu vojta u mhux li kienu miksura. Illi kawza ta' dawn l-erba' madumiet, li allegatament instabu wara li kienu bdew ix-xoghlijiet, l-atturi talbu li l-madum kollu tal-kcina kellu jinqala' u jigi mibdul. Mill-provi ma rrizultax illi l-madum kien miksur izda biss li kien jinstema' l-vojt meta wiehed itaptaphom u li sa l-ahhar seduta dawn il-madumiet kienu ghadhom jinsabu mwahhlin mall-hajt u ma kienux ghadhom waqghu. Illi kawza ta' dawn l-erba' madumiet li ma setghux jsibu replacement taghhom ghaliex kienu qodma u out of production, l-atturi talbu s-segwenti danni ulterjuri u cioe' tliet mija u hamsin ewro (€350) ghaz-zarmar tal-kcina u tqeghid tal-bank tal-kcina wara li l-madum il-gdid jitqieghed fil-post, hames mija u dsatax-il ewro u disgha u disghin ewro (€519.99) ghal madum gdid, €717 seba' mija u sbatax-il ewro xoghol ghal-qlugh tal-madum qadim u ghat-tqeghid tal-madum il-gdid, li b'kollox jammontaw fis-somma komplessiva ta' elf hames mija sitta u tmenin ewro u disgha u disghin centezmi (€1586.99) ghall-erba' madumiet li sallum ghadhom jinsabu shah mall-hajt tal-kcina. Illi in oltre l-atturi talbu mija sebgha u tletin ewro u sittin centezmu (€137.60) ghal corrugated sheets li tghawgu meta waqghu xi gebel mill-hajt agjacenti. Danni ghal hair line crack li rrizulta wara wall unit fil-living room ma gewx mitluba mill-atturi.*

*Dwar il-hsarat fis-saqaf tal-corruated metal sheeting, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn qatt ma gew indikati bhala hsarat lill-Perit Farrugia meta mar jispezzjona l-hsarat fit-tieni rapport u lanqas fl-ewwel rapport, izda gew elenkati biss fl-atti tal-kawza. Illi hija l-fehma tat-Tribunal, li ghalkemm dawn id-danni ma gewx indikati lill-perit meta mar jispezzjona l-fond, it-Tribunal jemmen illi l-hsarat gew kagunati min-naha tal-konvenuti u ghalhekk ha jakkolji din il-parti tat-talba izda mhux fl-ammont kollu msemmi fl-istima, a fol. 7. Illi mir-ritratt, ezebit a fol 7, jirrizulta car illi hemm erba' folji ta' corrugated metal sheeting u l-parti fejn hemm il-hsara hija fuq folja wahda. Huwa ghalhekk possibli illi ssir tibdil ta' folja wahda biss u ghaldaqstant huwa bizzejjed sabiex jkopri l-hsarat imsemmija mill-atturi. Illi dawn il-corrugated metal sheets jiswew erbgha u tletin*

*ewro u erba' centezmi (€34.04) kull wahda. Illi fic-cirkostanzi nofs l-ammont tal-folji fl-istima huwa ferm bizzejjed sabiex tkun mibdula l-parti fejn sehhew il-hsarat. It-Tribunal huwa tal-fehma li ghandha tinbidel biss il-parti tas-saqaf li garrbet il-hsarat u mhux is-saqaf kollu u ghalhekk ha jakkolji s-somma ta' zewg corrugated metal sheetings fis-somma ta' tmienja u sittin ewro u tmien centezmi (€68.08).*

*Illi dwar il-madum li nstemghu hollow, it-Tribunal m'huwiex konvint mill-provi migjuba quddiemu in sostenn tal-allegazzjonijiet maghmulin mill-atturi.*

*Illi wara li ra u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, t-Tribunal ghandu dubji serji jekk id-danni subiti fl-erba' madumiet sehhew rizultat tax-xoghlijiet ta' kostruzzjoni mwettqa mill-konvenuti. Illi primarjament, fil-kcina ma rrizultaw ebda hair line cracks li seta' jirrizulta fic-caqliq tal-madum u sekondarjament ma jemminx illi l-madum kollu inkluzi dawk l-erba' madumiet mertu tal-kawza kienu gew spezjonati wahda wahda mill-perit.*

*Ghaldaqstant, minhabba nuqqqas ta' provi t-Tribunal ma jhossx illi ghandu jakkolji t-talba kollha hlief ghal zewg folji ta' corrugated metal sheeting fis-somma ta' tmienja u sittin ewro u tmenin centezmu (€68.80).*

*Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi fis-somma limitata ta' tmienja u sittin ewro u tmenin centezmu (€68.80) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.*

*Spejjez ghandhom ikunu sopportati erba' kwinti ghall-atturi u kwint ghall-konvenuti.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul (ID 104866(M) u Rita (ID 5271(M) konjugi Bilocca datat 25 ta' April 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Gunju 2011.

Rat in-nota tal-konvenuti appellati (ID 693856M) u (ID 456954 M) datata 29 ta’ April 2011 a fol 7 tal-process fejn esponew illi r-rikors tal-appell fl-ismijiet hawn fuq dedotti huwa tardiv u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta’ Gunju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. David Camilleri ghall-appellant prezenti u Dr. Paul Borg ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz kemm dwar it-tardivita` tal-appell u kemm dwar il-mertu. Qam il-punt meta jkun maghluq ir-registru. Dr. Camilleri issottometta li jkun maghluq mill-Erbgha tal-Gimgha l-Kbira sal-Gimgha l-Kbira, barra s-Sibt u l-Hadd, u Dr. Camilleri ried jindika ghal liema provediment kien qed jirreferi u dan permezz ta’ nota fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dan il-verbal bil-*visto*/notifika tad-difensur tal-kontro parti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghad-29 ta’ Frar 2012.

Rat in-nota ta’ Paul Bilocca et datata 1 ta’ Lulju 2011 a fol 9 tal-process li permezz taghha qed jissolleva t-tardivita` tal-appell odjern.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi datata 1 ta’ April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi meta sostna li huwa ma rnexxilux jipprova li graw il-hsarat fil-madum tal-kcina b’konsegwenza tax-xoghol ta’ kostruzzjoni li sar mill-konvenut u dan ghaliex hemm ix-xhieda tal-Perit Pierre

Farrugia, li gie nkarigat mill-konvenut stess li fl-ewwel spezzjoni tieghu ma tissemmhiex li kien hemm hsara fil-madum, mentri fit-tieni rapport tieghu wara li saru x-xogholijiet ikkonstata li kien hemm numru ta’ madumijiet fil-hajt tal-kcina (Dok. “F” – fol. 16) li meta ttaptap fuqu kienu vojta, u ghalhekk it-Tribunal ma setax jasal ghall-konkluzjoni li tali hsara allegata mill-atturi ma kienitx giet ippruvata.

Illi l-ewwel punt li tqajjem huwa li l-appell kien tardiv u dan tqajjem permezz ta’ nota tal-konvenut appellat datata 29 ta’ April 2011. Dan il-punt huwa ta’ ordni pubbliku u ghandu jigi deciz qabel kollox. Fil-verita’ jirrizulta li d-decizjoni inghatat fl-1 ta’ April 2011 u hemm terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata sabiex issir appell (**artikolu 8 (1) tal-Kap. 380**), li kien jaghlaq fil-21 ta’ April 2011, zmien meta r-registru kien maghluq u hekk baqa’ sal-24 ta’ April 2011. B’hekk japplika l-**artikolu 108 tal-Kap. 12** li jipprovdi li *“l-ahhar jum ta’ xi terminu legali jew gudizzjarju jkun xi jum minn dawk, it-terminu ghandu jitqies li jiskadi fil-jum li jigi minnufih wara, li ma jkunx wiehed minn dawk il-jiem”* . Dan fil-fatt gie applikat fis-sentenza fl-ismijiet **“Kate Bonello et vs Alison Mangion et”** (A.I.C. (PS) – 6 ta’ Gunju 2008) fejn inghad li t-terminu ghall-appell jibqa’ ghaddej bil-fatt tat-trapass taz-zmien, liema perjodu huwa improrogabbli u taghmlu mhux suggett ghall-ebda sospensjoni jew interruzzjoni, salv fil-kazijiet specjali previsti mill-istess ligi. Wiehed minn dawn il-kaz huwa fejn il-gurnata ta’ l-iskadenza tkun taqa’ f’jum is-Sibt, jew il-Hadd jew gurnata ta’ festa pubblika, jew f’certi granet tal-Gimgha Mqaddsa, kif provdut fl-**artikolu 109 tal-Kap. 12** ghal liema jirreferi wkoll id-dispost ta’ l-**artikolu 108 tal-Kap. 12.** F’dan il-kaz allura la darba r-registru kien maghluq minhabba l-Gimgha Mqaddsa sal-24 ta’ April 2011, mela allura dan l-appell seta` jigi pprezentat sal-25 ta’ April 2011, kif fil-fatt sehh. B’hekk din is-sottomissjoni li l-appell gie prezentat *fuori termine* qed tigi michuda.

Illi kwantu ghall-mertu tal-appell din il-Qorti tosserva qabel xejn li fil-verita’ ghalkemm mhux normali li din il-Qorti terga taghmel apprezzament gdid tal-provi li tkun saret mill-Ewwel Qorti jew Tribunal, izda meta jirrizulta lil din il-

Qorti li kien hemm manifestament zball f'tali konsiderazzjonijiet li wasslu sabiex tigi pregudikata parti, b'dan li abbazi tal-provi prodotti, it-Tribunal ikun wasal ghall-konkluzjoni tieghu fuq parametri mhux indikati fid-dawl tax-xhieda prodotta, mela allura din il-Qorti ghandha d-dover li tirraddrizza l-istess.

Illi hekk huwa l-kaz odjern ghaliex din il-Qorti thoss li fil-fatt gie ppruvat li kawza tax-xoghol li ghamel il-konvenut saret hsara kif indikata f'erba' madumiet fl-istess hajt tal-kcina, izda dan biss fis-sens li dawn inqatghu minn mal-hajt. Sa hawn l-appellant ghandu ragun, u huwa sa hawn li qed jigi milqugh dan l-appell.

Illi izda dwar id-danni kkawzati, fejn ghall-erba' madumiet, li lanqas biss inkisru, izda inqatghu minn mal-hajt, certament li din il-Qorti thoss li l-ammont reklamat sabiex jigu sostitwiti l-istess huwa esorbitanti ghaliex jidher li l-pretensjoni hija ta' €1,586.99 sabiex jinbidel il-madum tal-kcina kollha, u certament li dan imur kontra l-principju li d-danni ghandhom jigu minimizzati. F'dan il-kaz, li jrid jigi deciz ukoll skond l-ekwita' abbazi tal-**artikolu 7 tal-Kap. 380,** din il-Qorti thoss li mhux gust li l-atturi japprofittaw ruhhom minn dan sabiex jaghmlu madum gdid fil-kcina kollha, u allura ma huwiex il-kaz li l-ammont pretiz mill-appellanti jigi akkordat, anke ghaliex ma jirrizultax li d-danni huma ta' tali entita`.

Illi fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti thoss li ghandha fuq dan il-punt takkorda bhala danni ammont li jigi minnha stabbilit *arbitro boni viri*, u hawn il-Qorti fuq il-kaz tal-madum se tillikwida l-ammont ta' €200, li flimkien mal-ammont ta' €68.80 moghti mit-Tribunal ghall-*corrugated metal sheets*, iwasslu ghall-ammont ta' €268.80 u ghalhekk din il-Qorti qed tvarja d-decizjoni tat-Tribunal fis-sens li talba attrici qed tigi milqugha fl-ammont ta' €268.80.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' l-appell tal-appellanti Paul Bilocca et

fir-rikors tal-appell tieghu datat 25 ta’ April 2011 biss fil-kuntest hawn deciz, b’dan li tvarja d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata l-1 ta’ April 2011 fl-ismijiet premessi **“Paul Bilocca et vs Michele Bonavia et” (Avviz Numru 1140/10/MK) fis-sens li t-talba attrici qed tigi milqugha in parte b’dan li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta’ mitejn u sitta u tmenin Euro u tmenin centezmu (€268.80) bl-imghaxijiet mid-data ta’ din is-sentenza sal-pagament effettiv.**

**Illi stante in-natura tal-kaz l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------